MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 325/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**Vs**
**Keith Cremona**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

1. fit-8 t’Awwissu, 2009, ghall-habta tal-10.15 p.m., f’dawn il-Gzejjer, naqas milli jhares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, (Magistrat Dr. Doreen Clark LL.D), b’digriet datat 30 ta’ Gunju, 2008, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jirrinkaza ruhu gewwa r-residenza fejn joqghod, cioe’ nru. 171, Flat 2, Triq San Duminku, Valletta, bejn id-9.00 p.m. u l-5.00 a.m.

2. Irrenda ruhu recidiv, ai termini ta’ l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta, permezz ta’ sentenza datata 7 ta’ Frar, 2008, moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 t’Awwissu, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w ikkundannatu sitt gimghat prigunerija. Inoltre, l-Qorti rrevokat il-helsien mill-arrest ta’ l-appellant akkordat permezz tad-digriet tat-30 ta’ Gunju, 2008, pero’ fic-cirkostanzi cahdet it-talba tal-prosekuzzjoni biex id-depozitu ta’ €700 u l-garanzija personali ta’ €2000 jghaddu favur il-Gvern.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 t’Awwissu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija ta’ l-akkuzi, filwaqt li taghti sentenza aktar ekwa w gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. li l-piena nflitta hija manifestament mhix proporzjonata mac-cirkostanzi tar-reat imwettaq. Il-Qorti tat sitt gimghat prigunerija ghaliex l-appellant fil-prezentata ammetta li dam siegha w kwart aktar mill-hin tar-rinkazar. L-appellant jirrileva illi s-sitt gimghat jikkombacja ezatt mad-data tas-sentenza tal-kawza li fiha nghata l-liberta’ provvizorja. B’hekk wiehed jista’ jasal ghal konkluzjoni li minkejja s-sentenzi huma arti w mhux xjenza, f’dan il-kaz partikolari kien kalkolu ezatt u ma jirriflettix ir-reat li l-appellant wettaq u dan kien siegha w kwart tard. Wiehed ikun gust li jispekola li jekk il-kawza kienet differita ghal hames gimghat kien jinghata sentenza ta’ prigunerija ta’ hames gimghat.

2. illi di piu' l-Ewwel Qorti laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni li tirrevoka l-liberta' provvizorja meta kien car li l-ksur tal-liberta' provvizorja ma kellhiex konsegwenzi serji. Fil-fatt fit-trattazzjoni l-ufficjal prosekutur qal li ma kienx hemm l-ebda konsegwenza, anzi li kien biss formalita' li jaghmel it-talba. Fil-kawza fejn l-appellant inghata l-liberta' provvizorja hija differita ghas-sentenza, jigifieri l-prosekuzzjoni tellghet il-provi kollha taghha, l-istess ghamlu d-difiza w saru s-sottomissjonijiet. Jonqos biss sentenza fl-14 ta' Settembru, 2009. B'hekk ma kienx kaz li l-appellant jinterferixxi jew jipprova **"jinterferixxi max-xhieda jew b'mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew ta' xi persuna ohra (art. 579 tal-Kap. 9)".** L-appellant jirrizerva d-dritt li jressaq provi dwar l-istadju tal-proceduri hawn msemmija.

3. illi minkejja li l-appellant ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu ma ngabet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni li l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kien ta' konsegwenza serja. Ghal kuntrarju, l-ufficjal prosekutur ghamilha cara li ma kien hemm konsegwenza ta' xejn.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Issa, l-princpju regolatur hu li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx tidher li hi manifestament eccessiva. Skond l-artikolu 579 (2) tal-Kodici Kriminali, l-piena ghar-reat in dizamina hi dik tal-multa jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur jew ghal multa w prigunerija flimkien. Ghalhekk il-piena erogata ta' sitt gimghhat prigunerija zgur li ma tohrogx mill-parametri tal-ligi.

L-istess l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tirrevoka d-digriet tal-liberta' provizorja li minnha kien igawdi l-appellant.

Il-kondizzjonijiet ghall-ghoti tal-liberta' provizorja, senjatament dawk li jiffissaw hinijiet ta' rinkazar ossia l-

impozizzjoni ta' "curfew" mhumiex qeghdin hemm biex jiggebbdu kif ifettillu l-akkuzat sakemm fl-ahhar jinqabad. F'dal-kaz l-appellant jammetti li x' hin rawh kien ilu barra xi siegha w kwart aktar mill-hin iffissat ghar-rinkazar u ma nafux kemm fil-fatt dam aktar wara li rawh u irraportawh. Dawn il-kondizzjonijiet iridu jigu osservati skrupolozament jekk ma rridux li l-ordnijiet tal-Qrati jibdew jigu trattati bhac-*"chewing gum"* : b' argumenti bhal : "*u le ghax qabez ftit il-hin b' daqshekk x' ghamel?"*, u ngebbdu 'l hawn w ingebbdu l 'hinn. Ghalhekk ksur tal-hinijiet tar-rinkazar ghandu jigi konsidrat bhala ksur ta' konsegwenza serja w mhux wiehed legger, ghax juri w jirrifletti atteggjament ta' sfida ghall-ordni tal-Qorti li tkun akkordatlu l-liberta' provizorja.

Din il-Qorti, wara li qieset li l-appellant ammetta li hu recidiv u wara li qieset il-kondotta refrattarja tal-appellant li minnha jirrizulta li kellu diversi kundanni fejn gja nstab hati ta' ricettazzjoni, pussess ta' "flick knife" bla licenzja, ksur tad-buon ordni, theddid u dagha w sewqan bla licenzja w bla polza tas-sigurta' kontra riskji ta' terzi, lanqas ma tara li hemm lok ghal xi temperament fil-piena f' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------